**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 24 ta' Novembru, 2015**

**Talba Nru: 469/15 DMA**

**Go plc**
**C 22334**

**Vs**

**Zerafa Ramsy**
**Id. 286493M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta' Gunju, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u tnejn ewro u wiehed u hamsin centezmu (€902.51) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 42 (AC40178808).

Illi interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza.

Dehret il-konvenuta Ramsy Zerafa ID. 286493M li ammettiet it-talba kontra taghha.

Talbet ukoll illi l-ammont jithallas f'rati mensili ta' mitt ewro (€100).

It-Tribunal wara li semgha l-ammissjoni jilqa' it-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont ta' disa' mija u tnejn ewro u wiehed u hamsin centezmu (€902.51) lis-socjeta' attrici bir-rati mensili ta' mitt ewro (€100) fix-xahar bl-ewwel pagament ikun fil-15 ta' Jannar, 2016.

B'dan pero illi kemm il-darba jinqabzu zewg pagamenti konsekuttivi is-socjeta' attrici jkollha d-dritt li titlob il-hlas tal-bilanc kollu. Spejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenuta.

Imghax mid-data tas-sentenza.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**